**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru :**
**Appell Nru: 150/2001**

**Il-Pulizija ( Supdt. Carmelo Magro )**

**Vs**

**PAUL ABELA**

**Illum, 3 ta'Ottubru, 2001.**

Il-Qorti :

Rat l-akkuzi dedotti kontra Paul Abela talli fis-7 ta'Marzu, 2001, ghal habta tas-1.00 p.m., fil-Belt, Valletta :

1. Volontarjament kiser il-paci pubblika w il-buon ordni b'ghajjat u glied ;
2. Qal fil-pubbliku kliem indicenti w oxxen liema kliem jikkonsisti f'dagha ;
3. Hebb ghall-Joseph Elich sabiex jingurjah, idejjqu jew jaghmillu hsara ;
4. Bil-kliem insulenta w hedded lill-Joseph Elich ;
5. Hebb ghall-Joseph Elich u kkagunalu feriti skond kif iccertifika Dr. Alexander Sammut M.D.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta' tal-familja Elich u tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikolu 383 tal-Kap. 9.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali datata 19 ta'Lulju, 2001, li biha sabet lill-Paul Abela hati ta'dawn l-akkuzi, u kkundannatu fuqhom ghall-Lm100 Multa. Inoltre, bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 383 tal-Kap. 9, rabtitu b'obbligazzjoni personali tieghu taht penali ta'Lm100 li ma jimmolestax lil xi membru tal-familja Elich ghall-zmien sena.

Rat ir-rikors t'appell ta'Paul Abela datat 30 ta'Lulju, 2001, li bih talab li din il-Qorti thassar, tirrevoka w tikkancella s-sentenza appellata.

Rat l-aggravju ta' l-appellant Paul Abela.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Rat il-provi, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi kontrarjament ghal dak li qed jallega l-appellant fl-aggravju tieghu, mhux minnu li l-ewwel Qorti sabet htija fih fuq bazi ta'probabilita'. Anzi, hu evidenti mid-dicitura tas-sentenza appellata li l-ewwel Qorti ghamlet l-apprezzament taghha tal-provi, u ghalkemm kellha quddiemha zewg verzjonijiet differenti tal-fatti, hija kienet moralment konvinta mill-verzjoni tal-prosekuzzjoni. Fil-fatt qalghet li l-verzjoni ta' l-appellant ma tispirax fiducja. Ta' min jghid biss hawnhekk li ma jirrizultax dagha minn naha ta' l-appellant izda jirrizulta biss kliem indicenti w oxxen.

Dan kien apprezzament tal-provi li sar b'mod regolari mill-ewwel Qorti u li in bazi ta' l-istess setghet ragjonevolment u legalment tasal sabiex issib htija fl-appellant. Ma kien hemm xejn hazin jew irregolari f'dan l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti. Ta'min ifakkar lill-appellant li mhux kull kaz fejn hemm verzjonijiet konflingenti tal-fatti necessarjament jew awtomatikament iwassal ghall-konflitt fil-provi jew ghal xi dubju ragjonevoli. Ghalhekk il-Qorti taghmel l-apprezzament tal-provi kollha sabiex tara liema provi iwassluha ghad-decizjoni taghha. F'dan il-kaz in ezami, dan l-ezercizzju wassal lill-ewwel Qorti sabiex, fid-diskrezzjoni taghha, taccetta l-verzjoni tal-familja Elich u twarrab dik ta'l-appellant.

Ghal dawn il-motivi, l-appell ta'Paul Abela huwa michud u s-sentenza appellata hija konfermatha fl-intier taghha.

Aldo Testone
Deputat Registratur